# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

### GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis, 14 ta' Marzu 2002

Avviz numru : 34/2001GT(GM)

**Commonwealth Educational Society Ltd**

**-vs-**

**Michael Cassar**

**It-Tribunal;**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:**

**"Hlas fl-ammont ta' mitejn tmienja u sittin liri maltin(Lm268) import tal-prezz ta' diversi kotba lilek mibjugha u kkonsenjati mill-attur nomine skond skrittura datata 1 ta' Dicembru 1999 (Dok A) kif ukoll l-imghaxijiet legali sal-hlas effettiv u dana prevja dikjarazzjoni illi inti iddekadejt mill-beneficcju tal-iskrittura u dana senjatament sew minhabba illi bghat il-cancellation tal-kotba wara it-terminu prefiss fl-istess kuntratt u mill-ligi kif ukoll minhabba il-ksur tal-obbligi tieghek fir-rigward tal-konsenja tal-kotba li kellhom jigu minnek accettati pero' effettivament gew rifjutati; kif ukoll minhabba l-inadempjenza da parti tieghek rigwardanti l-kondizzjonijiet tal-hlas kif indikata fl-istess skrittura kellhom jibdew jigu minnek effettwati lill-attur nomine b'effett mill-15 ta' Marzu 2000, bir-rata ta' Lm 67 kull wiehed, izda baqghu ma sarux.**

**Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficcjali ta' Frar 2000 kif ukoll tac-Cedola ta' Depozitu prezentata kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni."**

**Ra r-risposta:**

**1. It-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u m'ghandhomx jigu milqugha u dana stante illi l-konvenut hassar il-bejgh mertu ta' din il-kawza billi informa lir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici li ma kienx fi hsiebu jipprocedi bil-bejgh;**

**2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici naqqset li tikkonsenja l-kotba mertu ta' din il-kawza fiz-zmien kif miftiehem.**

**3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt."**

**Sema' l-provi u fela d-dokumenti esibiti;**

**Ikkunsidra;**

**Rigward l-ewwel eccezzjoni**

**Illi l-konvenut isostni li ezercitaw id-dritt tat-thassir unilaterali tal-kuntratt *de quo* billi (1) verbalment billi cempel l-ufficcju tas-socjeta' attrici u (2) permezz tal-ispedizzjoni tal-*cancellation form* permezz ta' ittra registrata**

**Illi l-kuntratt sar fl-1 ta' Dicembru 1999. Dak iz-zmien, Kap 317, Artiklu 8 kien jistipula l-mod kif seta' jsir kancellament unilaterali da parti tal-konsumatur u cioe' permezz tal-ispedizzjoni jew bl-idejn jew permezz ta' posta rregistrata, ta' dikjarazzjoni tal-kancellament mix-xerrej fl-indirizz tal-venditur, entro hmistax-il jum mid-data tal-kuntratt jew terminu itwal li jista' jinghata fil-kuntratt.**

**Illi tali dikjarazzjoni ntbaghtet mill-konvenuti fl-1 ta' Frar 2000 cioe' ferm wara t-terminu stipulat kif inghad;**

**Illi kwantu ghar-recess verbali, gie stabbilit mill-gurisprudenza illi ma kienx permess, billi *id-dritt ta' thassir unilaterali ta' kuntratt huwa biss privilegg specjali mhux dritt generali u ghalhekk jista' jsir biss bil-forma u bil-procedura li trid il-ligi. L-artiklu 10 tal-istess ligi jghid li ladarba l-kuntratt ma jkunx gie kancellat skond l-artiklu 8, mela l-konsumatur ma jkollux dritt li jhassar il-kuntratt……. Minghajr ma jkollu raguni valida"* [1]". Il-**

[1] Prim'Awla, 16.10.1998, Godfrey Aquilina vs Joseph u Mary konjugi Falzon.- Onor G Caruana Demajo. Ara wkoll: Godfrey Aquilina et vs Vincent u Guliana Borg, Prim'Awla, 10 ta' Marzu 1997 kif ukoll Commonwealth Educational Society Ltd vs Saviour u Bernardette konjugi Saliba deciza mill-Qorti tal-appell, sede inferjuri, Onor President J Said Pullicino, 14 ta' Jannar 2002, u

**legislatur hass li din il-procedura kienet fil-fatt tirreka pregudizzju ghax-xerrej, u, permezz ta' Att XXVI.2000.17 emenda l-ligi b'mod li issa skond Art 8(2) ta' Kap 317 il-kancellament huwa permess li jsir ukoll bil-kelma, bit-telefon, bil-fax, u bil-posta ordinarja. Imma sfortunatament ghall-konvenuti, din l-emenda mhix retroattiva, u ghalhekk mhix applikabbli ghall-kaz odjern.**

**Illi hawnhekk ghandu jinghad illi filwaqt li l-konvenut qal li cempel fl-ufficcju tas-socjeta' attrici l-ghada tal-kuntratt; martu qalet li cemplu xi gimgha wara. Inkonsistenza bhal din ma tantx tghin biex taghti kredibilita' lix-xhieda tal-konvenut.**

**Kwantu ghat-tieni eccezzjoni;**

**Anke hawn il-konvenut u martu t-tnejn xehdu li l-konsenja tal-kotba saret (u giet rifjutata minnhom) tlett xhur wara l-kuntratt. Evidentement dan ghamluh kawza tal-herqa taghhom li jippruvaw li d-delivery saret wara l-massimu ta' sittin jum stipulati kemm fil-kuntratt kif ukoll fil-ligi. Pero' dan ma jistax ikun, ghax fl-1 ta' Frar 2000, cioe' xahrejn wara, il-konvenuti bghatu d-dikjarazzjoni tal-kancellament bil-posta rregistrata. Godfrey Aquilina, direttur tas-socjeta' attrici, xehed li fil-fatt mar biex jaghmel il-konsenja tlett gimghat wara u precisament fil-21 ta' Dicembru 1999 kif jirrizulta minn notament li ghamel dakinhar stess fuq dok GA3. Bejn iz-zewg verzjonijiet it-Tribunal m'ghandu ebda triq ohra hlief li jaghzel dik tax-xhud l-iktar konsistenti u cioe' tal-istess Aquilina.**

**Illi kemm il-kuntratt kif ukoll l-istqarrija tal-kancellament gew iffirmati biss mill-konvenut. Naraw ghalhekk jekk kinitx mehtiega l-firma ta' mart il-konvenut fuq il-ftehim ghax-xiri tal-kotba, jew kinitx bizzejjed il-firma tieghu biex torbot lill-komunjoni ta' l-akkwisti.**

**L-art. 1322 tal-Kodici Civili jghid li l-amministrazzjoni ordinarja ta' l-akkwisti tmiss lil kull wiehed jew wahda mill-mizzewgin, waqt li l-amministrazzjoni straordinarja tmiss liz-zewg mizzewgin flimkien. Ghalhekk irridu naraw jekk ix-xiri tal-kotba kienx att ta' amministrazzjoni ordinarja jew straordinarja.**

**Fost l-atti li jitqiesu ta' amministrazzjoni straordinarja, l-art. 1322(3), para (;) isemmi:**

---

**(;) l-akkwist ta' proprjeta' mobbli jew ta' xi jedd ta' uzu jew tgawdija ta' xi proprjeta' mobbli jew immobbli li l-prezz tieghu ma jithallasx mal-konsenja jew qabel; izda dan ma japplikax ghal xi dejn maghmul ghall-htigijiet tal-familja skond il-paragrafu (5) ta' l-artikolu 1327, jew ghall-kiri ta' mobbli jew immobbli meta l-prezz tieghu jkun moderat meta tqabblu mal-kondizzjoni tal-familja u l-kirja tkun ghal zmien qasir;**

**Fil-kaz tallum il-prezz tal-kotba kellu jithallas bin-nifs; ghalhekk biex id-dejn jorbot lill-komunjoni rridu naraw jekk ghal dan id-dejn ighoddx dak li jghid il-paragrafu (/) ta' l-art. 1327:**

**1327. Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1329, il-beni li jkunu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jbatu biss id-djun li gejjin:**

**(a) … … …omissis … … …**

**(b) … … …omissis … … …**

**(c) l-ispejjez u l-obbligi, ukoll jekk isiru separatament, ghall-htigijiet tal-familja, maghduda dawk ghall-edukazzjoni u trobbija ta' l-ulied;**

**Fil-kaz tallum il-kotba ordnati mill-konvenut kienu mahsuba ghall-edukazzjoni ta' l-ulied. Fil-fehma tal-qorti, izda, ma hux bizzejjed li l-hwejjeg mixtrija jkunu mahsuba ghall-familja jew ghall-edukazzjoni ta' l-ulied biex wiehed jew wahda biss mill-mizzewgin ikun jista' jorbot lill-komunjoni; huwa mehtieg li dawn il-hwejjeg ikunu "ghall-htigijiet" tal-familja jew ta' l-edukazzjoni ta' l-ulied. Fil-kaz tallum, il-kotba li tbigh is-socjeta' attrici huma mehtiega ghall-edukazzjoni ta' l-ulied? Ghalkemm din il-htiega ma ghandhiex ghalfejn tkun assoluta, b'mod li l-hwejjeg ikunu *sine qua non*, mhux dak kollu li hu tajjeb jew utli bilfors mehtieg. Ma ngiebet ebda xhieda biex turi li l-kotba li socjeta' attrici trid tbigh lill-konvenuti huma fost dawk li qeghdin fuq il-*curriculum* ta' l-istudji ta' ulied il-konvenuti, jew li, minghajr dawn il-kotba, ulied il-konvenuti sejrin jibqghu lura fl-istudji taghhom meta mqabbla ma' tfal ohra.**

**Ghalhekk, billi ma ngiebet ebda xhieda biex turi li l-kotba kienu b'xi mod mehtiega ghall-edukazzjoni ta' l-ulied, id-dejn ghall-prezz tal-kotba ma hux dejn tal-komunjoni.**

**Hekk kif, biex isir kuntratt, huwa mehtieg il-kunsens taz-zewg partijiet, hekk ukoll, biex jithassar kuntratt, huwa wkoll mehtieg il-kunsens ta' l-istess partijiet. L-art. 8 ta' l-Att dwar Bejjiegha Bieb b'Bieb [Kap. 317 tal-Ligijiet ta' Malta], izda, johloq eccezzjoni ghal dan il-principju billi, fil-kaz ta' kuntratt li l-ligi ssejjahlu "kuntratt maghmul fuq l-ghatba tal-bieb", jaghti lill-konsumatur – wiehed mill-partijiet f'dan it-tip ta' kuntratt – is-setgha li jhassar il-kuntratt unilateralment, billi jimxi skond ma jghid Art. 8 tal-imsemmi Att.**

**Illi hawn it-Tribunal ihoss li ghandu jesprimi s-simpatija tieghu mal-konvenut, li gie mhajjar jixtri kotba li fil-verita ma xtaqx jixtri permezz ta' manipulazzjoni psikologika mill-aqwa, ibbazata fuq is-sentiment qawwi li l-genituri jkunu jridu l-ahjar ghal uliedhom, imma b'danakollu t-Tribunal huwa marbut li japplika l-ligi kif kienet dakinhar tal-kuntratt. L-anqas ma jista' jirrikorri ghall-principji tal-ekwita', ghax l-ekwita' li jista' japplika hija biss ekwita' skond il-ligi.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici billi jiddikjara li l-konvenut tilef il-beneficcju taz-zmien u jikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM268 bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali ta' Frar 2000 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tad-difensuri tas-socjeta' attrici. Is-socjeta' attrici tista' tinforza l-kreditu taghha fuq il-beni parafernali tal-konvenut biss, billi martu ma gietx imharrka.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

**AV. GRAZIO MERCIECA**
**GUDIKATUR**

**Deputat Registratur**